# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M Grixti

**Appell Numru 223/2020**

**IL-PULIZIJA**

**VS**

**JAMES GRECH**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2022

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra James Grech detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 579482M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkużat talli :

1. F'dawn il-Gżejjer f'Ġunju 2006 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, ikkommetta stupru vjolenti fuq il-persuna ta' *omissis* ta' 8 snin;

2. U aktar talli fl-isess data, ħin, lok u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda ,b'egħmil żieni, ikkorrompa persuna ta' taħt l-eta' u cioe' *omissis* ta' 8 snin;
3. U aktar talli fl-istess data , lok, ħin u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti , li kisru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta , żamm jew issekwestra lil xi persuna, u cioe' *omissis*, kontra l-volonta' tagħha, u dan sar bħala mezz biex persuna , u cioe' *ommissis*, tiġi mgiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' tal-imsemmija *omissis* u l-familja tagħha u persuni oħra , u minn issa tapplika l-provvediment tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.

F'każ ta' ħtija l-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' *omissis* u l-familja tagħha ai termini tal-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet finalment ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi James Grech sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 t'Ottubru, 2020 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs James Grech' li biha sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjni miġjuba fil-konfront tiegħu, ma sabitux hati tat-tielet imputazzjoni (3) u minnha lliberatu u kkundannatu ghal tnax (12)-il sena priġunerija. B'applikazzjoni tal-Artikolu 412 C tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti ordnat l-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għall-perjodu ta' erba' (4)snin millum fil-konfront tal-persuna protetta Omissis.

B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa żmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub bil-miktub mir-reġistratur tal-Qorti sabiex iħallas lill-istess Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' ħames mitt Ewro (€500) liema ammont jirrapreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti f'dan il-każ.

Rat ir-rikors ta' appell intavolat minn James Grech fis-26 t'Ottubru, 2020 fir-reġistru ta' din il-Qorti li bih talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex : 1) Tannulla s-sentenza ; jew (2)Tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Maġistrati lliberat lill-appellanti mit-tielet (3) imputazzjoni u tikkanċellaha f'dik il-parti li sabet ħtija u għalhekk tilliberah minn kull akkuża; u jew; (3) F'każ li s-sentenza tibqa' invarjata, tingħata piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ;

Rat l-atti processwali;

Rat il-fedina penali aġġoranta tal-imputat kif mitluba mill-Qorti.

Semgħet is-sottomijssjonijiet tal-partijiet rigward l-ewwel aggravju imressaq mill-appellant;

Rat il-verbal taghha tal-4 ta' Novembru, 2021 li bih halliet l-appell ghas-sentenza fuq l-ewwel aggravju u sabiex il-partijiet ikunu lesti li jaghmlu sottomissjonijiet fil-mertu fil-kaz li l-ewwel aggravju jkun michud;

Ikkonsidrat :

1. Illi din hija sentenza preliminari dwar l-ewwel gravam mressaq mill-imputat li fih jallega in-nullita' tas-sentenza appellata fuq il-premessa illi b'digriet tat-2 ta' Ottubru, 2019 l-ewwel Qorti cahdet it-talba tieghu li jaghmel kontro ezami lill-allegata vittma;

2. L-appellant jillanja li dan il-kontro eżami kien indispensabbli ghad-difiza tieghu fid-dawl ta' dak li kienu xehdu xhieda oħra biex isir kontroll ta' dak li kienet xehdet l-allegata vittma. Huwa jaghmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-1 ta' Settembru, 2020 fl-ismijiet Pulizija vs Robert Attila Majlat Robert Attilane Majlat li fiha kien milqugh aggravju simili u s-sentenza kienet annullata u l-atti rinvjati lura lill-Qorti tal-Magistrati sabiex terga tiddeciedi l-kawza mill-gdid wara li jsir il-kontro ezami tal-allegati vittmi bil-kawteli kif hemm stipuati;

3. Illi minn ezami akkurat tal-atti processwali, jemergi illi l-allegata vittma xehedet permezz tas-sistema ta' *video conferencing*, bid-deposizzjoni tkun registrata u t-traskrizzjoni tax-xiehda titqieghed in atti f'xejn anqas minn wiehed u erbghin

pagna. Minn fol 96 tal-atti processwali, allura fol 41 tat-traskrizzjoni tad-deposizzjoni, jirrizulta illi wara li l-allegata vittma wiegbet l-ahhar mistoqsija tal-*parte civile* u l-Qorti stiednet lid-difiza taghmel il-kontro-ezami, l-istess difiza wiegbet li :"*fid-dawl ta' din ix-xiehda ha jkolna nirriservaw Sinjura Magistrat mhux se naghmlu domandi illum*" u l-Qorti akkordat din it-talba meta ddikjarat "*Mela kontro-ezami riservat*". F'dik l-udjenza, fejn allura kien prezenti l-psikjatra Dr. J. Cassar, kien imfisser lill-allegata vittma li dakinhar ma kienux ser isiru mistoqsijiet mill-avukat tal-imputat izda jistghu isirulha mistoqsijiet [aktar tard] f'dik l-istess kamra.;

4. Illi fl-istadju tal-provi difiza, senjatament fl-udjenza tal-4 ta' Gunju, 2019, l-imputat ddikjara li xtaq jaghmel il-kontro-ezami tal-allegata vittma sabiex jikkonfrontaha b'dak li qalu zewg xhieda ohra u b'dak li xehed l-imputat inniffsu:

*' Dr Jason Grima għan-nom tal-imputat qiegħed jiddikjara lli huwa jixtieq itella' bħala xhud lil Joseph Saliba li kien ix-xufier b'mod alternat mal-imputat u kif ukoll jixtieq jagħmel kontro eżami tal-allegata vittma stante li huwa jixtieq li f'dan l-istadju jikkonfrontaha lill-istess allegata vittma b'dak li qalu iż-żewġ dak iż-żmien minuri li kienu fl-istess transport magħha kif ukoll ma' dak li qal l-imputat fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti u ma hemm l-ebda disposizzjoni tal-Liġi li twaqqaf lil imputat li jagħmel din it-talba.* (verbal fol 370);

5. Il-parte civile oggezzjonat ghal din it-talba bil-mod segwenti:

*Il-parte ċivile qegħda toggezzjona għat-talba in kwantu jirrigwarda l-kontro-eżami tal-allegata vittma u dan għal dawn ir-raġunijiet:*

*Fl-ewwel lok inkwantu qed jiġi allegat mid- Difiża li huwa jixtieq jikkonfrontaha lil Parte ċivile ma' dak illi qalu ż-żewġ xhieda msemmija mid-Difiża jiġi mfakkar li dawn iż-żewġ xhieda irriżulta li kienu jitwasslu mill-imputat u jinżlu mill-van qabel ma kienet tinżel il-parte ċivile;*

*Fit-tieni lok il-parte ċivile għalkemm mhux minuri hija persuna vulnerabbli ħafna u għaliha għandhom japplikaw ir-regoli li jirrigwardaw smiegħ ta' xhieda vulnerabbli;*

*Fit-tielet lok jiġi rilevat li l-istadju tal-kontro eżamijiet ormai ġie superat tant illi dawn il-proċeduri kienu waslu fi stadju fejn id-Difiża kienet qed tressaq il-provi tagħha u dan anki wara li kien xehed l-imputat.'*

6. Illi b'digriet ben motivat u studjat tat-2 t'Ottubru, 2019, l-ewwel Qorti, cahdet it-talba tal-imputat u ghalhekk il-kawza ssoktat minghajr il-kontro-ezami tal-allegata vittma. Fil-konsiderazjonijiet taghha, l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-*każ Pello vs Estonia deċiż fit-12 t'April, 2007 u għad-Direttiva 2012/29/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru, 2012 li tistabilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalita' b'mod speċjali l-preamboli 55,57u 58.*

7. Jirrizulta ukoll mill-atti (a fol 390) li kienet intalbet referenza kostituzzjonali dwar dan il-punt u l-Qorti ċaħdet l-istess b'digriet li ngħata fl-10 ta' Jannar, 2020 (a fol 402 et seq)

Ikkonsidrat:

8. Id-dritt tal-kontro-eżami huwa parti integrali mill-process penali naturalment mahsub sabiex kull parti tinghata l-opportunita' li ggib 'l quddiem hwejjeg ta' rilevanza li xhud jkun nesa' jew naqas, ghal kwalsiasi raguni, li jixhed dwarhom jew li xehedhom b'mod mhux necessarjament kif sehhew jew diversi ragunijiet ohra. L-artikolu 520 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi l-Artikoli 558 sa 662 tal-Kap 12 jgħoddu ukoll għall-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali. Fost dawn l-artikoli insibu l-artikoli 579 u 580 li jitrattaw dwar il-kontro eżami u li jistabilixxu s-segwenti:

579. *Il-parti kuntrarja tista' tagħmel kontro-eżami lix-xhud; u f'dan il-kontro-eżami tista' tagħmel mistoqsijiet diretti jew suġġestivi.*

*580.(1) Fil-kontro-eżami, ix-xhud jista' jiġi mistoqsi biss dwar il-fatti li fuqhom ikun xehed fl-eżami, jew fuq ħwejjeġ li jistgħu jwaqqgħu l-kredibbiltà tax-xiehda tiegħu.*

*(2) Meta l-parti li tagħmel il-kontro-eżami tkun trid tipprova bl-istess xhud xi ċirkostanza li ma jkollhiex x'taqsam mal-fatti li fuqhom tkun ingħatat ix-xiehda fl-eżami, tista', kemm-il darba l-qorti, għal raġuni tajba, ma tordnax xort'oħra, iġġib dan ix-xhud fiż-żmien li jmiss u teżaminah bħala xhud tagħha; u f'dak il-każ, il-qorti tista', fuq talba bil-fomm ta' din il-parti, tordna lix-xhud li ma jitbigħedx mill-qorti, biex jista' jiġi msejjaħ mill-ġdid u mistoqsi; u dik l-ordni tiswa daqs il-mandat ta' taħrika msemmi fl-artikolu 568(1).*

9. Dan id-dritt imbaghad huwa ugwalment rifless fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fis-subparagrafu 6(d) tieghu kif ukoll fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li jagħti dan id-dritt jekk qatt kien hemm dubju illi d-

difiża għandha d-dritt li tagħmel il-kontro-eżamijiet tax-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni u vice-versa;

10. Dan id-dritt, izda, jista' jkun soggett ghal xi limitazzjonijiet, ossia regoli, mahsuba sabiex jipprotegu s-sahha u l-vulnerabilita' ta' certu xhieda. L-ewwel Qorti, korrettament ghamlet referenza fid-digriet taghha ghall-każ Pello vs Estonia liema każ għamilha ċara illi r-rikorrent irid ikun ta r-raġunijiet għala jrid jipproduċi x-xhieda. Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn ir-raġunijiet jirriżultaw mhux biss mill-verbal imsemmi aktar 'il fuq, izda ukoll mid-decizzjoni tal-istess Qorti meta rrizervat hi stess il-kontro-ezami tax-xhud. Għalhekk il-prinċipju msemmi fil-ġurisprudenza Ewropeja huwa sodisfatt;

11. L-Ewwel Qorti rreferiet ukoll għall-preambolu 58 tad-Direttiva 2012/29/EU EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru, 2012 li tistabilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalita' liema direttiva hija intiża biex tagħti l-għajnuna kollha meħtieġa lil nies vulnerabbli imma bla ma jittiefsu d-drittijiet tad-difiża. Fil-fatt dan il-paragrafu jipprovdi hekk:

*Victims who have been identified as vulnerable to secondary and repeat victimisation, to intimidation and to retaliation should be offered appropriate measures to protect them during criminal proceedings. The exact nature of such measures should be determined through the individual assessment, taking into account the wish of the victim. The extent of any such measure* ***should be determined without prejudice to the rights of the defence*** *and in accordance with rules of judicial discretion. The*

*victims' concerns and fears in relation to proceedings should be a key factor in determining whether they need any particular measure.*

Fil-każ Schatschaschwili vs Germany (Application no. 9154/10)[1] kien ritenut is-segwenti:

*v) Assessment of the trial's overall fairness*

*161. In assessing the overall fairness of the trial, the Court will have regard to the available counterbalancing factors, viewed in their entirety in the light of its finding to the effect that the evidence given by O. and P. was "decisive" for the applicant's conviction (see paragraph 144 above).*

*162. The Court observes that the trial court had before it some additional incriminating evidence regarding the offence of which the applicant was found guilty. However, the Court notes that hardly any procedural measures were taken to compensate for the lack of opportunity to directly cross-examine the witnesses at the trial. In the Court's view, affording the defendant the opportunity to have a key prosecution witness questioned at least during the pre-trial stage and via his counsel constitutes an important procedural safeguard securing the accused's defence rights, the absence of which weighs heavily in the balance in the examination of the overall fairness of the proceedings under Article 6 §§ 1 and 3 (d).*

*163. It is true that the trial court assessed the credibility of the absent witnesses and the reliability of their statements in a*

[1] Deċiża mill-European Court of Human Rights, Grand Chamber 15th December, 2015

*careful manner, thus attempting to compensate for the lack of cross-examination of the witnesses, and that the applicant had the opportunity to give his own version of the events in Göttingen. However, in view of the importance of the statements of the only eyewitnesses to the offence of which he was convicted, the counterbalancing measures taken were insufficient to permit a fair and proper assessment of the reliability of the untested evidence.*

*164. The Court considers that, in these circumstances,* ***the absence of an opportunity for the applicant to examine or have examined O. and P. at any stage of the proceedings rendered the trial as a whole unfair.*** (sottolinear ta' din il-Qorti)

*165. Accordingly, there has been a violation of Article 6 §§ 1 and 3 (d) of the* Convention.

9. Applikat dan l-insenjament ma hemmx dubju illi l-allegata vitma hija persuna vulnerabbli u ma hemmx dubju li dak li sar sehh fl-interess taghha skond il-ligi sabiex ma jkunx hemm revittimizazzjoni taghha bhala allegata vittma. Madankollu, meta l-ewwel Qorti rrizervat il-kontro-ezami taghha ma setghetx aktar tard fil-proceduri ccahhad lid-difiza milli taghmel dak il-kontro-ezami minnha stess kawtelat b'mod allura li l-imputat safa' f'sitwazjoni fejn ma setghax jaghmel mistoqsijiet li jidhirlu utili ghad-difiza tieghu. Kull kaz ghandu l-fatti speci tieghu fl-idejal kien ikun aktar opportun li l-ewwel Qorti ssospendiet is-seduta sakemm l-allegata vittma tistrieh xi ftit minn dak l-ezami u l-imputat ikollu l-opportunita' jikkonsulta mal-legali tieghu biex jara x'direzzjoni ser jiehu l-kontro-ezami u wara jsir dak il-kontro-ezami. Izda la darba ma

sarx hekk, u jerga' jinghad, ghaliex seta' kien hemm cirkostanzi li s-seduta tkun differita minflok sospiza, allura l-kontro-ezami, debitament rizervat minghajr oggezzjoni tal-prosekuzzjoni u/jew tal-parte civile, allura dak il-kontro-ezami kellu jsehh f'xi hin jew iehor;

10. Fil-fehma ta' din il-Qorti waqt li għandu jkun hemm il-miżuri kollha meħtieġa sabiex il-persuni vulnerabbli jkunu protetti kemm jista' jkun fl-istess ħin, dawn il-miżuri ma jistawx inaqqsu mid-drittijiet tad-difiża.

12. Għalhekk, sabiex ma tkunx sehhet lezjoni jew possibbli lezjoni tad-drittijiet tal-appellant, il-Qorti qegħda tilqa' dan l-ewwel aggravju tal-appellant u għal dawn il-motivi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjonital-aggravji l-ohra, qegħda tannulla s-sentenza appellata flimkien mad-digriet mogħti mill-Ewwel Qorti fit- 2 t'Ottubru, 2019 u tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex isir il-kontro-eżami mitlub taħt il-prekawzjonijiet u miżuri kollha neċessarji biex ix-xhud vulnerabbli tkun protetta u sabiex il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tgħaddi biex terga tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid;